MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## DOREEN CLARKE

Seduta ta' l-4 ta' Gunju, 2007

Numru 694/2006

Il- Pulizija
(Spettur Carlo Ellul)

-vs-

Felix Barbara
David Bonello
Charlton Abela
Omissis

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l- imsemmija

**Felix Barbara** ta' 21 sena iben il- mejjet Marcel u Rita nee' Barbara, imwieled Pieta', fit- 23 ta' Awissu, 1984 u residenti 50, Triq Sant' Elena, Cospicua jew Blokk A 10, Flat 7, Triq Pietru Darmenia, Pembroke, detentur tal- karta tal- identita 425184M.

**David Bonello** ta’ 48 sena, iben il- mejjet Saviour u Maria nee’ Bezzina, imwieled il- Pieta’ nhar it- 30 ta’ Gunju 1958, residenti ‘Golden Plover’, Triq l- Isqof Gargello, Gharghur, detentur tal- karta ta’ l- identita bin- numru 454858M

u

**Charlton Abela** ta’ 24 sena, iben Charles u Gemma nee’ Farrugia imwieled il- Pieta’ fit- 28 ta’ Gunju, 1981 u joqghod ‘Giuseppi’, Flat 4, Triq San Anton, Marsascala, detentur tal- karta ta’ l- identita’ bin- numru 319681M.

Akkuzati talli fis- 27 ta’ Mejju 2006 fi Triq Santu Wistin, Paceville, San Giljan u/jew fil- Pjazza Qalb ta’ Gesu’, San Giljan, ghall- habta ta’ bejn l- 4:30a.m. u s- 6:30a.m. ikkagunaw feriti gravi fuq il- persuna ta’ Wagdi Ben Hamed u ta’ Nasr Edin Jeray kif certifikat mit- Tabiba Federica Sant, M.E.;

2. Talli fl- istess data, hin lok u cirkostanzi, heddu bil-kliem lil istess persuni msemmija hawn fuq;

3. U aktar talli fl- istess data, hin lok u cirkostanzi, volontarjament kisru l- bon ordni jew il- kwiet pubbliku.

Lil Charlton Abela wahdu,

1. Talli fl- istess data, hin lok u cirkostanzi fil- waqt tal- offiza fuq il- persuni hawn fuq imsemmija kellu fuq il-persuna u fil- pussess tieghu arma regolari (mannara), skond kif kontemplat fl- Art. 26 tal- Kapitolu 66 tal- Ligijijiet ta’ Malta;

2. Talli fl- istess data, hin, u lok zamm kif ukoll garr strument li jaqta’ u bil- ponta (mannara) minghajr licenzja tal- Kummissarju tal-
Pulizija.

3. Talli fl- istess data, hin lok u cirkostanzi ghamel hsara volontarja fuq il- vettura nru. BEN001 ghad-

detriment ta’ Wagdi Ben Hamed, liema hsara tammonta ghal- LM 325.62c.

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputati ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat li l-imputati Felix Barbara u David Bonello ddikjaraw li huma mhux hatja ta’l-imputazzjonijiet lilhom adebieti u li l-imputat Charlton Abela  iddikjara li huwa hati biss tal-hames imputazzjoniji lilu adebieta u cioe li garr strument li jaqta minghajr il-permess tal-pulizija.

Rat l-verbal ta’l-udjenza mizmuma fit-30 ta’ Mejju 2007 meta l-partijiet kollha prezenti inkluz il-parte civile qablu li l-feriti sofferti mill-parte civile kienu ta’ natura hafifa u li l-hsara kawzata fil-vettura bin-numru ta’ registrazzjoni BEN 001 propjeta ta’ parte civile giet kawzata nvolontarjament.

Rat ir-rinunzja tal-parte civile ghall-azzjoni kriminali fil-konfront ta’l-imputati li fil-konfront taghhom qed tinghata is-sentenza.

Rat id-dokumenti prezentati inkluz c-certifikati medici, u l-istqarrijiet u l-fedina penali ta’l-imputati.

Rat l-artikoli 216, 217, 221, 325(1)(b), 328(d) 339(1)(e) u 338(dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-artikoli 13 u 26 tal-Kap 66 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghat it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat,

Illi fil-konfront ta’l-imputati Felix Abela u David Bonello ngiebu tlett imputazzjonijiet u cioe li fis-27 ta’ Mejju 2006:

1. kkawzaw feriti gravi fuq il-persuna ta’ Wagdi Ben Hamed u ta’ Nsar Edin Jeray;
2. heddu bi kliem lill-imsemmija persuni; u
3. kisru l-buon ordni u l-paci pubbliku.

Illi waqt l-udjenza mizmuma fit-30 ta’ Mejju 2007 l-partijiet qablu li l-feriti sofferti mill-parte civile kienu ta’ natura hafifa. Konsegwentement il-proceduri in kwantu jirrigwardu din l-imputazzjoni jirrikjedu l-kwerela tal-parte leza; din giet iritrata waqt l-udjenza tat-30 ta’ Mejju 2007. Ghalhekk ghal dak li jirrigwarda din l-imputazzjoni l-procediment huwa esawriet.

Illi t-tieni u t-tielet imputazzjonijiet huma ta’ natura kontravenzjonali preskrivibbli bid-dekors ta’ tlett xhur. L-incident mertu tal-kawza sehh fis-27 ta’ Mejju 2006. Mill-atti jirrizulta li dawn iz-zewg imputati gew notifikati l-ewwel darba b’dawn il-proceduri fis-6 ta’ Novembru 2006 u f’l-4 ta’ Dicembru 2006 rispettivament, ghalhekk wara li kienu ghaddew tlett xhur mill-incident. Konsegwentement fil-konfront ta’ dawn iz-zewg imputati dawn l-imputazzjonijiet huma preskritti.

Illi fil-konfront ta’ l-imputat Charlton Abela ngiebu sitt imputazzjonijiet. L-imputazzjonijet huma s-segwenti, u cioe li nhar is-27 ta’ Mejju 2006:
1. kkawza feriti gravi fuq il-persuna ta’ Wagdi Ben Hamed u ta’ Nsar Edin Jeray;
2. hedded bi kliem lill-imsemmija persuni;
3. kiser l-buon ordni u paci pubbliku;
4. fil-waqt li kien qed jaghmel offiza fuq il-persuni msemmija kellu fil-pussess tieghu arma regolari;
5. garr strument li jaqta u bil-ponta minghajr il-permess tal-Pulizija; u
6. ghamel hsara volontarja fuq il-vettura bin-numu ta’ registrazzjoni BEN 001 propjeta ta’ Wagdi Ben Hamed.

L-ewwel tlett imputazzjonijet huma l-istess bhal dawk migjuba kontra l-imputati l-ohra.

Illi ghar-ragunijet fuq esposti il-procediment fir-rigward l-ewwel imputazzjoni huwa esawriet.

Illi l-imputat Charlton Abela gie notifikat l-ewwel darba fit-13 ta’ Jannar 2007. Konsegwentement anke fil-konfront ta’ dan l-imputat it-tieni u t-tielet imputazzjonijiet huma preskritti.

Illi l-hames imputazzjoni hija ammessa.

Illi waqt l-udjenza tat-30 ta’ Mejju 2007 l-partijiet qablu li l-hsara kkawzata fil-vettura bin-numru ta’ registrazzjoni BEN 001 giet ikkawzata involontarjament. Konsegwentement anke l-proceduri in kwantu jirrigwardu din l-imputazzjoni jirrikjedu l-kwerela tal-parte leza; din giet iritrata waqt l-istess udjenza tat-30 ta’ Mejju 2007. Ghalhekk ghal dak li jirrigwarda din l-imputazzjoni ukoll il-procediment huwa esawriet.

Illi r-raba imputazzjoni hija bazata fuq l-artikolu 26 tal-Kap 66 tal-Ligijiet li kien jipprovdi li huwa reat li persuna jkollha fuqha arma regolari fil-hin li taghmel delitt kontra l-persuna jew ta’ hsara fuq il-propjeta. Ghalhekk din l-imputazzjoni hija dipendenti fuq l-ewwel u s-sitt imputazzjoni. Pero l-procediment fir-rigward ta’dawn iz-zewg imputazzjonijet huwa esawriet ghalhekk anke fir-rigward tar-raba imputazzjoni fil-konfront ta’ Charlton Abela l-procediment huwa esawriet.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-artikoli 216, 217, 221, 325(1)(b), 328(d) 339(1)(e) u 338(dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-artikoli 13 u 26 tal-Kap 66 tal-Ligijiet ta’ Malta, fil-waqt li tiddikjara l-procediment esawriet fir-rigward ta’l-ewwel, ir-raba’ u s-sitt imputazzjoni, tiddikjara t-tieni u t-tielet imputazzjoni preskritti u konsegwentement tillibera lit-tlett imputati Felix Barbara, David Bonello, u Charlton Abela minnhom, fuq ammissjoni ssib lill-imputat Charlton Abela hati tal-hames imputazzjoni u tikkundannah ghal multa ta’ hamsa u erbghin lira Maltija (Lm45).

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------